**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Numru: 1010/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Aldo Pistella**
**(Karta tal-identita` Taljana numru AJ 9703987)**

**Illum: 28 ta' Frar, 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Aldo Pistella** ta' 36 sena, iben Franco u Aurora nee` Milioto, imwieled Favara, Sqallija nhar il-5 ta' Settembru 1978, residenti ġewwa 51, Penthouse, Triq is-Silla, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` Taljana numru AJ 9703987;

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fis-16 ta' Ottubru 2014 u fis-sena u nofs ta' qabel din id-data:

a) Biegħ jew xort'oħra ttraffika l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;[1]

d) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;[2]

e) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;[3]

f) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;[4]

g) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta` tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta` mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[1] Din l-imputazzjoni hija mmarkata bl-ittra (b) fiċ-ċitazzjoni odjerna u dan stante illi jidher li bi żvista t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ġew it-tnejn immarkati bl-ittra (b).
[2] Din l-imputazzjoni hija mmarkata bl-ittra (ċ) fiċ-ċitazzjoni.
[3] Din l-imputazzjoni hija mmarkata bl-ittra (d) fiċ-ċitazzjoni.
[4] Din l-imputazzjoni hija mmarkata bl-ittra (e) fiċ-ċitazzjoni.
[5] Din l-imputazzjoni hija mmarkata bl-ittra (f) fiċ-ċitazzjoni.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat 17 ta' Ottubru 2014, bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[6];

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta' Ottubru 2014, waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[7];

Rat l-Ordni tal-Avukat Ġenerali tat-2 ta' Dicembru 2019, bis-saħħa tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex l-imputat jiġi proċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[8];

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2019, l-imputat iddikjara illi ma kellu l-ebda oġġezzjoni li l-każ odjern jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja[9];

Rat ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella** tas-27 ta' Ġunju 2017, kif ukoll is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet tal-14 ta' Diċembru 2018, u dan wara d-digriet ta' referenza tal-Qorti Istruttorja tad-29 ta' Novembru 2016;

Rat in oltre illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri datata 11 ta' Ġunju 2021[10];

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2022, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qed jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti;

Rat illi l-kawża odjerna tinsab differita għas-sentenza għal-lum.

---

[6] Ara a fol. 12 tal-proċess.
[7] A fol. 9 tal-proċess.
[8] A fol. 685 tal-proċess.
[9] A fol. 686 tal-proċess.
[10] A fol. 695 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi proċesswali jirriżulta illi l-fatti li taw lok għal dan il-każ kienu s-segwenti:

Nhar is-16 ta' Ottubru 2014, għall-ħabta tat-8.00 p.m., fuq skorta ta' mandat ta' arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat odjern, wara informazzjoni anonima illi l-Pulizija rċeviet dwar l-istess imputat u dan fis-sens illi huwa kien qed jitraffika d-droga mir-residenza tiegħu, Pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga waqqfu lill-istess imputat hekk kif rikeb f'vettura, wara li ħareġ mir-residenza tiegħu ossia *penthouse* ġewwa 51, Triq is-Silla, Marsaskala. Fil-vettura, li mill-investigazzjoni rriżulta illi kienet mislufa lilu, fuq is-*seat* tal-passiġġier, instabu borża tal-karti li kien fiha suspettata raża tal-*cannabis,* deskritta mill-**Ispettur** (illum Supretendent) **Malcolm Bondin** bħala sapuna, u biċċiet tar-raża tal-*cannabis,* pakkett tas-sigaretti tad-ditta Dunhill li kien jikkontjeni sustanza suspettata *cannabis* grass[11], kif ukoll żewġ *mobile phones,* wieħed tal-għamla 'Motorola' u ieħor 'Nokia'[12]. Fuq il-persuna tiegħu nstabet is-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350). Minn hemmhekk saret tfittxija fir-residenza tal-istess imputat, fejn instabet iżjed sustanza suspettata raża tal-*cannabis,* f'borża tal-plastik, f'kexxun fil-kċina, u sikkina bi traċċi[13], kontenitur tal-plastik li ġie muri lill-Pulizija mill-istess imputat u kien f'kexxun ta' gradenza fil-kamra tas-sodda, li kien jikkontjeni sustanza suspettata *cannabis grass,* u nstabu wkoll *crusher* ta' lewn isfar bit-traċċi suspettati ta' *cannabis grass* li kien ħdejn il-kontenitur imsemmi, pakkett żgħir b'sustanza bajda[14], kif ukoll is-somma ta' elf ewro (€1,000) f'denominazzjonijiet ta' ħamsin ewro (€50) li kienet f'kexxun fil-gradenza fuq imsemmija[15] flimkien mal-pakkett bit-trab abjad. Waqt l-istess tfittxija fir-residenza tal-imputat, ġie elevat ukoll *laptop* tal-marka 'Lenovo'[16], li skont l-Ispettur Bondin, kien jikkontjeni *Facebook chats* relatati mat-traffikar ta' droga, kif ukoll *chats* ma' terzi persuni li dwarhom kien hemm investigazzjonijiet għaddejjin min-naħa tal-Pulizija. F'*ashtray* fuq *breakfast table* kien hemm *rouch* wieħed suspettat *joint* tal-*cannabis*, fost loqom ta' sigaretti normali. Din kienet l-unika *ashtray* fir-residenza. Instabu wkoll xi karti tar-riżla ġodda, li madankollu

[11] Dawn ġew ilkoll esebiti f'*evidence bag* M00104860 mill-Ispettur Malcolm Bondin fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2014 bħala Dok. MB 2.

[12] Il-*mobile phones* ġew esebiti mill-Ispettur Malcolm Bondin fl-udjenza fuq imsemmija, flimkien ma' żewġ *SIM cards* li kienu fl-istess *mobile phones*, f'*evidence bag* bin-numru S00698977, bħala Dok. MB 1.

[13] Dawn ġew esebiti mill-Ispettur Malcolm Bondin f'*evidence bag* bin-numru A02902880, fl-udjenza fuq imsemmija, bħala Dok. MB.

[14] Dawn l-oġġetti ġew ilkoll esebiti ġewwa *evidence bag* L00289903 mill-Ispettur Malcolm Bondin fl-istess udjenza fuq imsemmija, bħala Dok. MB 3.

[15] Dawn il-flejjes flimkien mas-somma ta' €350 fuq imsemmija ġew esebiti mill-Ispettur Malcolm Bondin, fl-udjenza fuq imsemmija, f'*evidence bag* bin-numru S00761698 bħala Dok. MB 4. Irċevuta li saret lill-imputat dwar dawn il-flejjes ġiet esebita bħala Dok. MB 5, a fol. 37 tal-proċess.

[16] Dan il-*laptop* ġie esebit formalment mill-Ispettur Malcolm Bondin fl-istess udjenza bħala Dok. MB 9 u sussegwentent materjalment mill-espert Dr. Martin Bajada, wara li espleta l-inkarigu lilu mogħti (ara a fol. 221 tal-proċess).

ma ġewx elevati. Saret tfittxija wkoll fil-*garbage bags* fir-residenza iżda ma nstab xejn iżjed. L-oġġetti kollha msemmija ġew elevati u ttieħdu ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Malcolm Bondin. L-imputat ġie arrestat, ingħata d-drittijiet tiegħu viġenti dak iż-żmien u minn hemm ittieħed għal investigazzjoni ulterjuri ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Malcolm Bondin. L-istess imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija l-għada nhar is-17 ta' Ottubru 2014, u dan wara li ngħata d-drittijiet tiegħu, inkluż illi jottjeni parir legali qabel l-istqarrija rilaxxjata minnu, liema dritt huwa għażel li jeżerċitah[17].[18]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur mill-Qorti Istruttorja fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2014, u dan sabiex janalizza Dok. MB, MB 2 u MB 3 u jagħti l-valur tal-istess[19], jirriżulta illi huwa ġie mogħti *envelope* kannella mmarkat S/B/456/2014 mid-Deputat Reġistratur B. Mifsud, liema dokument kien jikkontjeni s-segwenti:

1) *Evidence bag* bin-numru M00104860 li fih: (i) pakkett tas-sigaretti Dunhill Master Blend li fih seba' sigaretti; (ii) ħaxix ta' lewn aħdar u (iii) sustanzi ta' lewn kannella;

2) *Evidence bag* bin-numru A02902880 li fih sikkina u sustanzi ta' lewn kannella;

3) *Evidence bag* bin-numru L00289903 li fih (i) *crusher* (ii) kontenitur tal-plastik li fih ħaxix ta' lewn aħdar u (iii) borża tal-plastik trasparenti żgħir li fih sustanza ta' lewn abjda.

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti dwar dan id-dokument:

(a) Illi fl-estratti meħuda mill-ħaxix ta' lewn aħdar fl-istess dokument instabet is-sustanza <u>*Tetrahydrocannabinol*</u>. Il-piż tal-ħaxix kien ta' <u>19.93 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka <u>7%</u>. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet a' Malta.

(b) Skont il-*Malta National Drug Report* 2012, il-valur ta' *cannabis herb* kull gramma huwa ta' €25. Dan jagħti valur total ta' €498.25.

[17] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 29 *et seq* tal-proċess bħala Dok. MB 8.
[18] Ara x-xhieda tal-Ispettur Malcolm Bondin, a fol. 17 *et seq* tal-proċess, ix-xhieda ta' **PS 1174 Adrian Sciberras**, a fol. 34 *et seq* tal-proċess, ix-xhieda ta' **PS 635 Alan Calleja**, a fol. 151 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' **PC 213 Nicolai Borg**, a fol. 214 *et seq* tal-proċess.
[19] Ara a fol. 15 tal-proċess.

(c) Illi fl-estratti meħuda mis-sustanzi ta' lewn kannella fl-istess dokument instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Il-piż tas-sustanzi kien ta' 153.79 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 6%. Din is-sustanza tiġi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-liġi taħt Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(d) Skont il-*Malta National Drug Report* 2012, il-valur ta' *cannabis resin* kull gramma huwa ta' €24. Dan jagħti valur total ta' €3690.96.

(e) Illi fuq *swabs* meħuda minn fuq il-*crusher* fl-istess dokument, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*.

(f) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fl-istess dokument, instabet is-sustanza Kokaina. Il-piż total tat-trab kien ta' 0.31 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata mil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

(g) Skont il-*Malta National Drug Report* 2012, il-valur tal-kokaina kull gramm huwa ta' €79. Dan jagħti valur ta' €24.49.[20]

Jirriżulta wkoll illi fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2014, il-Qorti Istruttorja ħatret lil **Dr. Martin Bajada** bħala espert sabiex tiġi estratta l-informazzjoni kollha misjuba f'Dok. MB 1 ossia l-*mobile phones* u s-*SIM cards* esebiti, inkluż *call profiles, text messages* u kull kontenut. Huwa ġie awtorizżat ukoll illi jottjeni informazzjoni, għal dan l-iskop, mingħand kull *service provider*. In oltre l-istess espert ġie maħtur ukoll fir-rigward ta' Dok. MB 9 ossia l-*laptop* esebit formalment "*minhabba attivita` kurrenti li qed issir, cioe konverzazzjonijiet tramite facebook*", u dan fis-sens illi l-espert kellu jaċċedi ġewwa l-uffiċju tal-Ispettur Malcolm Bondin u minnu joħroġ l-informazzjoni kollha relatata mal-każ.[21] L-istess espert **Dr. Martin Bajada** esebixxa r-relazzjoni tiegħu bil-kontenut taċ-ċellulari 'Motorola' u 'Nokia' esebiti bħala Dok. MB 1, kif ukoll l-inventarju tal-kontenut tal-*laptop* 'Lenovo' ossia l-*Facebook chats* bejn Aldo Pistella u Francesca Kelly Iannoni, Lanfranco Cristallini u Joshy Napkins, fis-seduta tal-21 ta' April 2015 bħala Dok. MB.[22] L-espert esebixxa wkoll relazzjoni oħra fis-seduta tas-27 ta' Awwissu 2015, Dok. MB 1, kontenenti *call profiles* mingħand GO Mobile, Vodafone u Melita.[23]

---

[20] Ara x-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 189 tal-proċess u r-relazzjoni tiegħu, a fol. 191 *et seq* tal-proċess.
[21] Ara a fol. 15 u 16 tal-proċess.
[22] Ara x-xhieda ta' Dr. Martin Bajada a fol. 235 *et seq* tal-proċess u r-relazzjoni esebita f'*envelope* separat.
[23] Ara x-xhieda ta' Dr. Martin Bajada a fol. 272 tal-proċess u r-relazzjoni esebita a fol. 273 *et seq* tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti qed tieħu konjizzjoni tas-sentenzi esebiti fl-atti minn Eunice Grech Fiorini, dak iż-żmien Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali; waħda tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella** datata 27 ta' Ġunju 2017[24] u oħra tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-istess ismijiet, datata 14 ta' Diċembru 2018[25] u dan wara referenza li saret mill-Qorti Istruttorja b'digriet tad-29 ta' Novembru 2016[26] dwar l-ilment tal-imputat illi skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(ċ) tal-istess Konvenzjoni persuna suspettata, mhux biss għandha d-dritt illi tikkonsulta ma' avukat qabel ma tittieħed l-istqarrija tiegħu, iżda wkoll waqt it-teħid tal-istess stqarrija. Kif ingħad, fil-każ odjern, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Pulizija fis-17 ta' Ottubru 2014 u dan billi ngħata d-drittijiet viġenti dak iż-żmien.

Permezz tas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, fuq imsemmija, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) qalet hekk:

> "Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda twiegeb ghar-referenza li saret lilha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" billi tiddikjara illi l-fatt li l-akkuzat Aldo Pistella ma kienx assistit minn avukat ta' ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, kif ukoll il-fatt li ma kellux dritt li jitlob li jkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija jkun jikkonstitwixxi ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-istess Aldo Pistella kif tutelat mill-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tieghu fil-kaz illi l-istqarrija rilaxxjata lill-Pulizija Ezekuttiva tkun prova fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella" pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.
>
> Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex tkompli bis-smigh tal-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella"."

Sussegwentement fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2018 fl-istess ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella**, il-Qorti Kostituzzjonali

[24] Ara a fol. 592 *et seq* tal-proċess.
[25] Ara a fol. 612 *et seq* tal-proċess.
[26] Ara dan id-digriet a fol. 489 *et seq* tal-proċess.

ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija u kkonfermat is-sentenza appena ċitata:

"14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[27], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi **huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali** sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarita` - dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu." [enfasi ta' din il-Qorti]

Fid-dawl ta' din is-sentenza għalhekk, din il-Qorti qegħda tiskarta l-istqarrija tal-imputat bħala prova.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, m'hemmx dubbju illi nhar is-16 ta' Ottubru 2014, l-imputat instab fil-pussess tar-raża u tal-pjanta tal-*cannabis*, kif ukoll tad-droga kokaina, liema droga nstabet *in parte* ġewwa l-vettura li huwa kien qed jagħmel użu minnha, u *in parte* ġewwa r-residenza tiegħu f'Marsaskala.

Għaldaqstant din il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (e) (indikata bħala l-imputazzjoni (d) fiċ-ċitazzjoni odjerna), l-imputazzjoni (f) (indikata bħala l-imputazzjoni (e) fiċ-ċitazzjoni odjerna) u l-imputazzjoni (ġ) (indikata bħala l-imputazzjoni (f) fiċ-ċitazzjoni odjerna) jirriżultaw sodisfaċentement ippruvati.

Permezz tal-imputazzjonijiet (ċ) (immarkata bħala (b) fiċ-ċitazzjoni odjerna) u (d) (immarkata bħala (ċ) fiċ-ċitazzjoni odjerna), imbagħad, l-imputat qed jiġi akkużat ukoll bir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha u tar-raża tal-*cannabis* ossia illi din id-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Skartata l-istqarrija tal-imputat, għall-fini ta' dawn l-imputazzjonijiet, il-Qorti qegħda tqis fl-ewwel lok il-kwantita` tad-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat. Jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija preżenti waqt it-tfittxija fil-vettura li kienet qed tiġi wżata mill-imputat u fir-residenza tiegħu, u mir-relazzjoni tal-

[27] **Malcolm Said vs Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 24 ta' Ġunju 2016.

espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, illi fl-istess vettura huwa kellu 2.35 grammi ħaxix *cannabis* u 120.14 grammi raża tal-*cannabis*, fil-waqt illi fir-residenza tiegħu, huwa kellu 33.65 grammi raża tal-*cannabis* u 17.58 grammi ħaxix *cannabis* u 0.31 grammi kokaina. B'kollox għalhekk in kwantu ħaxix *cannabis*, instabu 19.93 grammi u in kwantu raża tal-*cannabis*, instabu 153.79 grammi.

In kwantu r-reat ta' pussess aggravat ta' droga ossia pussess f'tali ċirkostanzi li juru li d-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."

U kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**:

> "meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**:

> "kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Frar 1997, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi**:

> " … l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101."

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina, il-Qorti tqis illi l-ammont ta' raża tal-*cannabis* misjub fil-pussess tal-imputat ċertament m'huwiex ammont li wieħed normalment jassoċjah ma' użu personali. Kien għalhekk jispetta lill-imputat li juri, sal-grad tal-probabbli, illi dak l-ammont kien intiż biss għall-użu tiegħu.

Fir-rigward il-Qorti qed tqis ir-relazzjoni tat-tabib **Dr. Mario Scerri** maħtur fuq talba tad-difiża mill-Qorti Istruttorja fit-18 ta' Ottubru 2014, ossia fl-udjenza tal-preżentata sabiex "*jezamina mill-aktar fis possibbli lill-imputat u jirrelata dwar ir-rizultanzi tieghu bil-miktub fid-dawl ta' dak mitlub mid-difiza*", u ċioe` "*li jsiru t-testijiet opportuni inkluzi dawk tad-demm u dana sabiex jigi identifikat jekk assumiex xi droga u liema droga giet assunta*"[28]. Mill-istess relazzjoni jirriżulta illi l-imsemmi espert aċċeda ġewwa l-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fit-18 ta' Ottubru 2014, ossia dakinhar li l-imputat odjern daħal fl-istess Faċilita`, fejn bil-kunsens tiegħu, l-istess imputat produċa kampjun tal-awrina, fuq liema l-espert għamel *drug screening test* għall-amfetamini*, marijuana,* kokaina u morfina, li rriżulta pożittiv għall-*marijuana* u għall-kokaina.[29] Jirriżulta wkoll illi ma saru l-ebda eżamijiet tossikoloġiċi fuq il-kampjun tal-awrina tal-imputat, anke għaliex id-difiża ma nsistietx li dan isir, iżda fix-xhieda tiegħu, l-istess espert jgħid illi dan huwa test affidabbli.

Jirriżulta għalhekk fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi illi qabel daħal fil-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin nhar it-18 ta' Ottubru 2014, l-imputat għamel użu mill-*cannabis* u mill-kokaina. Li l-imputat kien fil-fatt jagħmel użu mill-*cannabis* jista' wkoll jiġi stabbilit mill-fatt illi ġewwa r-residenza tiegħu nstabet *crusher* li rriżultat fil-pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* kif ukoll karti tar-riżla ġodda, li baqgħu ma ġewx elevati. Jirriżulta wkoll illi f'*ashtray* ġewwa r-residenza tal-imputat instab *rouch* suspettat *joint* tal-*cannabis,* li madankollu ma

---

[28] Ara a fol. 5 tal-proċess.

[29] Ara din ir-relazzjoni a fol. 162 *et seq* tal-proċess u x-xhieda ta' Dr. Mario Scerri, a fol. 160 *et seq* tal-proċess u in kontro-eżami, a fol. 310 *et seq* tal-proċess.

jirriżultax illi ġie analizzat mill-espert u għalhekk baqa' ma ġiex ikkonfermat li dan kien jikkontjeni s-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Minkejja dan, fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-espert Dr. Mario Scerri u tas-sejba tal-*crusher* imsemmi, kif ukoll tal-karti tar-riżla ġewwa r-residenza tal-imputat, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi huwa kien jagħmel użu mill-*cannabis*. Stabbilit dan, madankollu, ma tirriżulta l-ebda prova illi l-imputat kien jagħmel użu sostanzjali minn din id-droga, jew inkella użu tali illi jiġġustifika l-ammont ta' raża tal-*cannabis* li nstab fil-pussess tiegħu.

Miżjed ma' dan, imbagħad il-Qorti tqis ukoll illi parti kbira mir-raża misjuba fil-pussess tal-imputat, instabet fil-vettura li kien qed jagħmel użu minnha wara li huwa ġie osservat ħiereġ mir-residenza tiegħu u jirkeb fl-istess vettura, liema droga nstabet proprju fuq is-*seat* tal-passiġġier tal-istess vettura. Din hija ċirkostanza oħra li tkompli turi illi tali droga ma kinitx intiża għall-użu personali tal-istess imputat u dan stante illi l-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn l-imputat kellu joqgħod jiġri bid-droga f'tali kwantita`, għajr illi din kienet intiża għal spaċċ lil terzi persuni.

Ma' dan il-Qorti qed tqis ukoll il-messaġġi li nstabu fuq il-*mobile phone* tal-għamla 'Motorola', misjub fil-pussess tal-imputat u fuq il-*laptop* tal-marka 'Lenovo', elevat mir-residenza tiegħu, riżultanti mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada.

Il-Qorti tissenjala s-segwenti messaġġi misjuba fuq il-*mobile phone* 'Motorola' li jirreferu proprju għall-jiem ta' qabel jew wara l-arrest tal-imputat[30]:

| *Container* | Data/Ħin/Numru | Messaġġ |
|---|---|---|
| 3 *In Box* | 15-Oct-14<br>13:04:16<br>+393273894086 | *Sono umberto..un cinquantino per stasera ce la fai..??* |
| 18 *In Box* | 19-Oct-14<br>17:06:11<br>+35699146797 | *Hey no one want the black for that price can u let me know when green arive so we can start some busines again . right now i dont have 1 cent and need to* |
| 19 *In Box* | 19-Oct-14<br>17:06:23<br>+35699146797 | *start work soon as we can .sory i dont have no money for u yet but i have alot of clients wait for me* |

[30] Ara a fol. 24 u 25 tar-relazzjoni esebita mill-espert Dr. Martin Bajada.

Is-segwenti *chats* bejn l-imputat u terzi persuni mbagħad instabu fuq il-*laptop* elevat mir-residenza tal-istess imputat. Xi wħud miċ-*chats* bejn l-imputat u Francesca Kelly Iannoni u bejn l-imputat u Lanfranco Cristallini jirreferu proprju għall-jum ta' qabel l-arrest tal-imputat.

*Chats* bejn l-imputat u Francesca Kelly Iannoni:[31]

**14/10/2014** 19:56

**Francesca Kelly Iannoni**

*Aldo*
*Se c sei*
*E importante*

**15/10/2014** 6.08

**Aldo Pistella**

*ciao kelly*
*tutto bene*

**15/10/2014** 7.42

**Francesca Kelly Iannoni**

*Mmmm ciao Aldo beh diciamo*
*Tu*

**15/10/2014** 13.50

**Aldo Pistella**

*bene grazie*
*e` successo qualcosa?*

**15/10/2014** 13.50

**Francesca Kelly Iannoni**

[31] Ara a fol. 34 *et seq* tar-relazzjoni.

*Nono*
*M serve un piacere*

**15/10/2014** 13.51

**Aldo Pistella**

*dimmi*
*ieri mi ha chiamato qualcuno che dice essere amico di aldo*
*ne sai niente tu?*

**15/10/2014** 13.52

**Francesca Kelly Iannoni**

*Sisi era cn me*
*Qbd t ha kiamato*

**15/10/2014** 13.56

**Aldo Pistella**

*qbd?*

**15/10/2014** 13.57

**Francesca Kelly Iannoni**

*Ieri ero cb lui qnd t ha kiamato*
*Ma dbb dividere insomma*

**15/10/2014** 13.58

**Aldo Pistella**

*tu sai dove abito?*

**15/10/2014** 14.00

**Francesca Kelly Iannoni**

*Lasciam9 il tuo num*

**15/10/2014** 14.02

**Aldo Pistella**

*79962588*
*se vieni a casa vieni sola*
*nn voglio gente che nn conosco a casa*

**15/10/2014** 14.27

**Francesca Kelly Iannoni**

*Salvatore*
*Lo conoci*
*Lui t ha kiamto*
*Il biondino sciliano*
*Amico d aldo*
*Metti su fb Toto` fausciana*
*Cosi capisci ki e`*

**15/10/2014** 14.32

**Aldo Pistella**

*cpt*

**15/10/2014** 14.32

**Francesca Kelly Iannoni**

*Ma nn potresti*
*Passare tu*
*Snz ke m fai cenire col bimbo*

**15/10/2014** 14.33

**Aldo Pistella**

*ok ma stasera*
*sto aspettando*

**15/10/2014** 14.33

**Francesca Kelly Iannoni**

*Ok perfetto*
*Cosi*
*Ho la certezza*
*Ke anke lui prende*
*Xo dividila gia*

**15/10/2014** 14.33

**Aldo Pistella**

*ok*

**15/10/2014** 14.33

**Francesca Kelly Iannoni**

*Please*
*Grazie*
*Un pokino piu a me*
*Ahhaga*

**15/10/2014** 14.34

**Aldo Pistella**

*hahahah*

**15/10/2014** 14.36

**Francesca Kelly Iannoni**

*Ok aldo*
*Allora t mando un mess dopi*
*Dopo*

**15/10/2014** 14.36

**Aldo Pistella**

*ok*

**15/10/2014** 14.38

**Francesca Kelly Iannoni**

**15/10/2014** 18.13

**Francesca Kelly Iannoni**

*We aldo*
*Allora facciamo x domani*
*Domani sicuro al 100%*

**15/10/2014** 18:55

**Aldo Pistella**

*ok*

**15/10/2014** 18.55

**Francesca Kelly Iannoni**

**16/10/2014** 18:49

**Aldo Pistella**

*ciao kelly*
*io stasero esco*

**16/10/2014** 21:12

**Francesca Kelly Iannoni**

*Aldo*
*Ma ke fine hai fatto*

*Chats* bejn l-imputat u Lanfranco Cristallini:

**15/10/2014** 17.04

**Aldo Pistella**

*compa`*
*apposto?*

**15/10/2014** 17.06

**Lanfranco Cristallini**

*Apposto Non mi sono fatto sentire Perche non ci arrivo fino a quello che mi hai detto*

**15/10/2014** 17.06

**Aldo Pistella**

*se ti interessa ho il nero*
*a 8*

**15/10/2014** 17.07

**Lanfranco Cristallini**

*Diciamo che al momento sono nelle ordine di 10 o20€*
*E monti rompo per cosi poco*

**15/10/2014** 17.08

**Aldo Pistella**

*nn e` una rottura*
*ma sn tutte pronte capito?*

**15/10/2014** 17.08

**Lanfranco Cristallini**

*Capisco*
*Cm prima che parti mifaccio sentire Ma sempre pi nentidicemu*

**15/10/2014** 17.10

**Aldo Pistella**

*ok*

*Chats* bejn l-imputat u Joshy Napkins:

**22/08/2014** 23.21

**Aldo Pistella**

*where r u*

**22/08/2014** 23.23

**Joshy Napkins**

*UK*

**22/08/2014** 23.23

**Aldo Pistella**

*When u come back*

**22/08/2014** 23.24

**Joshy Napkins**

*when is it safe?*

**22/08/2014** 23.24

**Aldo Pistella**

*is already safe man*
*i told u*

**22/08/2014** 23.25

**Joshy Napkins**

*u sure 100% ?*

**22/08/2014** 23.25

**Aldo Pistella**

*off course man*
*why*

**22/08/2014** 23.27

**Joshy Napkins**

*because of those crazy people*
*make me problems*
*ruin all my operation*

**22/08/2014** 23.27

**Aldo Pistella**

*operation?*

**22/08/2014** 23.28

**Joshy Napkins**

*ye of course i cant sell anything if those guys is gonna fuck me up*

**22/08/2014** 23.28

**Aldo Pistella**

*everything is ok*
*u can come back no problem*

**22/08/2014** 23.32

**Joshy Napkins**

*ok and then i need to find a way to pay u and i come*

**22/08/2014** 23.23

**Aldo Pistella**

*last time u told me u have the money*

**22/08/2014** 23.35

**Joshy Napkins**

*after i left alot of stuff happen*

**22/08/2014** 23.36

**Aldo Pistella**

*is not my problem*

**22/08/2014** 23.37

**Joshy Napkins**

*u asked me and i answered u honestly*
*and the problem is mine obviously*
*but again i have leave malta because of crazy people ask me ur name and when i dont tell them i got a wood smashed on my head*

**22/08/2014** 23.37

**Aldo Pistella**

*so how u think u gonna payme*
*i told them my name an*

**22/08/2014** 23.38

**Joshy Napkins**

*i speak my friends see if any opportunity there and maybe some job*
*and then can pay u*

**22/08/2014** 23.38

**Aldo Pistella**

*thats why i told that everything was already ok*
*1 month ago'*
*why u didnt come on that time?*

**22/08/2014** 23.40

**Joshy Napkins**

*i been with my family*
*first time in 4 years*
*they said to me stay with them longer*
*and let the trouble go down*
*my phones got stolen at a party*
*with my backpack*
*i lost all my contacts and my numbers*
*i still have contract of my flat*
*i can get 750 deposit back*
*and 750 rent*
*and thats half what i need to give u*

**22/08/2014** 23.46

**Aldo Pistella**

*when u gonna be here*

**22/08/2014** 23.46

**Joshy Napkins**

*i saw flights at the first week of september*

**22/08/2014** 23.48

**Aldo Pistella**

*ill see u the first week of september*
*ciao man*

**22/08/2014** 23.49

**Joshy Napkins**

*whats ur phone number*

**22/08/2014** 23.49

**Aldo Pistella**

*79962588*

**22/08/2014** 23.50

**Joshy Napkins**

*as soon as im there and have some money for u then ull get a call from me*

Mill-messaġġi u ċ-*chats* suesposti, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi fuq indikati, ossia kemm l-ammont ta' raża tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat, kif ukoll il-fatt illi l-imputat instab bid-droga fil-vettura li kien għadu kif rikeb fiha wara li ħareġ mir-residenza tiegħu, il-Qorti m'għandha l-ebda dubju illi l-messaġġi u ċ-*chats* ċitati ma kienu jirrigwardaw xejn ħlief droga. Francesca Kelly Iannoni qed titlob lill-imputat id-droga kemm għaliha, kif ukoll għal terza persuna, filwaqt illi Lanfranco Cristallini jgħid lill-imputat illi ma setax jasal sabiex iħallas dak li talbu l-imputat, oltre illi fiż-żmien tal-messaġġi seta' jixtri biss b'€10 jew €20 u allura qal lill-imputat li ma kienx se joqgħod idejqu għal daqshekk biss. Da parti tiegħu l-imputat offrielu *il nero* bil-prezz ta' €8 u qallu li ma kien se jdejqu xejn, iżda anzi kellu kollox lest. Miċ-*chats* bejn l-imputat u Napkins imbagħad jirriżulta illi dan tal-aħħar kellu jagħti flus lill-imputat. Fir-rigward, meta wieħed iqis il-kontenut ta' din il-konversazzjoni flimkien mal-bqija tal-messaġġi tal-imputat mat-terzi msemmija, u l-bqija taċ-ċirkostanzi fuq indikati, il-Qorti m'għandhiex dubju illi dawn il-flus kienu dovuti lill-imputat proprju in konnessjoni ma' spaċċ ta' droga.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis illi tista' tieqaf hawn fil-kunsiderazzjonijiet tagħha in kwantu l-imputazzjoni (d) (indikata bħala (ċ) fiċ-ċitazzjoni odjerna) u illi jirriżulta ppruvat, fil-grad rikjest mil-liġi, illi r-raża tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat nhar is-16 ta' Ottubru 2014 ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

In kwantu l-imputazzjoni (ċ) (indikata bl-ittra (b) fiċ-ċitazzjoni odjerni), ossia dik li tirrigwarda r-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, il-Qorti tqis madankollu, illi ma jirriżultax sodisfaċentement ippruvat illi tali droga misjuba fil-pussess tal-imputat nhar is-16 ta' Ottubru 2014 ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu. Kif ingħad iżjed 'il fuq, jirriżulta ppruvat illi l-imputat kien jagħmel użu mill-*cannabis*. In oltre l-kwantitajiet ta' pjanta tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat ma kinux kbar – 2.35 grammi li kienu f'pakkett tas-sigaretti fil-vettura tal-imputat, li fil-fehma tal-Qorti iżjed jindika illi din kienet intiża għall-użu personali tiegħu milli għal spaċċ, u 17.58 grammi li kienu fir-residenza tiegħu, f'kontenitur fi gradenza fil-kamra tas-sodda, ħdejn *crusher* li rriżultat fil-pożittiv għas-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjoni (ċ) tirriżulta

sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi naturalment kif ingħad, tirriżulta l-imputazzjoni (f) (indikata bl-ittra (e) fiċ-ċitazzjoni).

Jonqos biss illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjonijiet (a) u (b) li jikkontemplaw ir-reat ta' traffikar tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha u r-reat ta' traffikar tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*.

Skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, il-Qorti tqis illi l-offerta tal-imputat lil Lanfranco Cristallini fiċ-*chat* bejniethom tal-15 ta' Ottubru 2014 ossia lejliet l-arrest tal-istess imputat bil-kliem "*se ti interessa ho il nero a 8*" ma kinitx għajr offerta sabiex l-imputat iforni lil Cristallini bir-raża tal-*cannabis* u dan tenut kont ukoll tal-ammonti tar-raża tal-*cannabis* misjuba fil-pussess tal-imputat proprju l-għada 16 ta' Ottubru 2014. Fit-termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li wieħed joffri li jipprovdi d-droga wkoll jirrendih ħati ta' traffikar f'mediċina perikoluża u għalhekk il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni (b) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (a) madankollu, minkejja ċ-*chats* bejn l-imputat u Napkins li juru li Napkins kellu jħallas lill-imputat in konnessjoni mad-droga, kif ukoll iċ-*chats* bejn l-imputat u Iannoni li juru li l-imputat kien se jipprovdiha bid-droga għaliha u għal terza persuna, ma jirriżultax ippruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, jekk din id-droga kinitx ir-raża tal-*cannabis* jew il-pjanta tal-*cannabis* jew fil-każ ta' Napkins, jekk kinitx addirittura xi droga oħra. Anzi jirriżulta miċ-*chats* bejn Iannoni u l-imputat illi wara li dawn tkellmu fis-sens illi huwa kien se jforniha bid-droga, dakinhar tas-16 ta' Ottubru 2014, wara l-arrest tiegħu, din bgħatitlu messaġġ sabiex tistaqsih fejn kien baqa', li jfisser illi x'aktarx l-imputat ħareġ bir-raża tal-*cannabis* għal din ir-raġuni. In kwantu l-messaġġ fil-*mobile phone* Motorola tad-19 ta' Ottubru 2014, u għalhekk meta l-imputat diġa` kien jinsab arrestat, "*Hey no one want the black for that price can u let me know when green arive so we can start some busines again*", għalkemm dan naturalment ukoll juri illi l-imputat kien involut fl-ispaċċ tad-droga u illi kien hemm xi kliem bejn l-imputat u l-mittenti kemm dwar ir-raża tal-*cannabis*, kif ukoll dwar il-pjanta tal-*cannabis*, ma tirriżulta l-ebda risposta da parti tal-istess imputat għal dan il-messaġġ jew messaġġi antiċedenti tiegħu mal-istess numru, li minnhom il-Qorti tista' tasal għall-konklużjoni, fil-grad rikjest mil-liġi, illi l-imputat traffika l-pjanta tal-*cannabis* kollha jew biċċa minnha fit-termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta fiż-żmien li għalih jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni.

Għaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjoni (a) tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

Hawnhekk il-Qorti qed tqis ukoll illi in kwantu l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar is-safar ampju tal-imputat[32] u anke l-flus li huwa bagħat barra minn Malta f'Mejju 2014 fis-somma ta' disa' mija, wieħed u ħamsin Ewro (€951)[33], u dan meta allura skont ix-xhieda ta' **Joseph Saliba** in rappreżentanza tal-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ u d-dokumentazzjoni esebita minnu[34], l-aħħar li l-imputat ħadem kien bejn l-1 ta' Mejju 2011 u d-29 ta' Marzu 2013, kif ukoll depożiti ta' flus li huwa għamel fil-kontijiet tiegħu mal-Banif Bank bejn April 2013 u Lulju 2014, fis-somma totali ta' erbat elef ewro, tmien mija, wieħed u tletin ċenteżmu (€4,831)[35], il-Qorti qed tqis illi mill-banda l-oħra fix-xhieda tagħha **Janice Falzon** in rappreżentanza tas-soċjeta` JDJ Operations Limited, li xehdet għall-fini ta' mpjieg tal-imputat mas-soċjeta` msemmija, tixhed illi l-istess soċjeta` kellha opportunita` ta' mpjieg fil-*maintenance* għall-istess imputat, kif ukoll illi "*ahna diga nafuh kien jahdem maghna qabel allura issa nafu kif jahdem u nixtiequ li jerga' jahdem maghna bhala full timer bil-ktieb u kollox. Ghandna nies ohrajn jahdmu pero` Aldo kien tajjeb bhala maintenance allura nixtiequ li jerga' jigi jahdem maghna fil-lukanda*".[36] L-impjieg fil-passat mal-istess soċjeta` ma jidher imkien fl-istorja tal-impjieg tal-imputat esebita minn Joseph Saliba, u Janice Falzon lanqas ma tirreferi għaż-żmien li fih l-imputat kien jagħmel dan ix-xogħol. Madankollu, b'riżultat ta' din ix-xhieda, minkejja x-xhieda u d-dokumentazzjoni esebita minn Joseph Saliba għan-nom tal-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni illi l-imputat ma kellux impjieg minn Marzu 2013 'il quddiem jew illi ma kellu l-ebda introjtu minn xi xogħol li kien jagħmel u li għalhekk l-infieq u l-introjtu tiegħu kien ġej biss mit-traffikar tad-droga. Biss biss il-Qorti tinnota wkoll illi mill-inventarju tal-assi tal-imputat jirriżulta mill-informazzjoni provduta mill-Uffiċċju tat-Taxxi Interni, illi fis-sena 2014, l-imputat ipperċepixxa s-somma ta' erbat elef, sitt mija, disgħa u tletin ewro (€4,639) bħala *income from employment*[37], għalkemm ma jirriżultax mil-liema mpjieg dan ġie perċepit.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, liema fedina penali kienet waħda netta. Minkejja li l-Qorti ordnat illi tiġi esebita l-fedina penali aġġornata tal-imputat, din baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

---

[32] Ara x-xhieda ta' **Alex Casha**, in rappreżentanza ta' Globe Ground, aġenti ta' Ryan Air, a fol. 37 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **Jonathan Tabone**, in rappreżentanza ta' Virtu` Ferries, a fol. 108 *et seq* tal-proċess; ix-xhieda ta' **David Borg**, *Security Designate Manager* mal-Air Malta, a fol. 137 *et seq* tal-proċess; u x-xhieda ta' **Paul Fleri Soler** in rappreżentanza ta' Emirates Airlines, a fol. 207 *et seq* tal-proċess

[33] Ara x-xhieda ta' **Ronald Cilia**, in rappreżentanza ta' FexServ Financial Services, aġenti tal-Western Union Money Transfer, a fol. 103 *et seq* tal-proċess u a fol. 180 *et seq* tal-proċess.

[34] Ara a fol. 216 *et seq* tal-proċess.

[35] Ara x-xhieda ta' **Joseph Fenech** in rappreżentanza ta' Banif Bank, a fol. 222 *et seq* tal-proċess.

[36] A fol. 263 tal-proċess. Ix-xhieda ta' **Janice Falzon** tinsab a fol. 262 *et seq* tal-proċess.

[37] Ara Dok. JSN 1, *f'envelope* separat.

Qed tqis ukoll in-natura serja tar-reati li tagħhom qed jinstab ħati l-imputat, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tiegħu.

Għall-fini ta' piena dwar ir-reat mertu tal-imputazzjoni (e) (indikata bl-ittra (d) fiċ-ċitazzjoni odjerna), il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u in kwantu l-imputazzjoni (f) (indikata bl-ittra (e) fiċ-ċitazzjoni odjerna), qed jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4A(2) tal-istess Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu r-reat mertu tal-imputazzjoni (b), u dak mertu tal-imputazzjoni (d) (indikat bl-ittra (ċ) fiċ-ċitazzjoni odjerni), il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali. Qed tqis ukoll ir-reat mertu fl-imputazzjoni (ġ) (indikata bl-ittra (f) fiċ-ċitazzjoni odjerna) bħala kompriż u involut fir-reat mertu tal-imputazzjoni (d) (indikata bl-ittra (ċ) fiċ-ċitazzjoni odjerna).

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 4(1) u 4A(2) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Aldo Pistella** mhux ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (ċ) (indikata bl-ittra (b) fiċ-ċitazzjoni odjerna) ossia din tal-aħħar ir-reat ta' pussess aggravat tal-pjanta tal-*cannabis* u tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (b), (d) (indikata bl-ittra (ċ) fiċ-ċitazzjoni odjerna) ossia r-reat ta' pussess aggravat tar-raża meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*, (e) (indikata bl-ittra (d) fiċ-ċitazzjoni odjerna), (f) (indikata bl-ittra (e) fiċ-ċitazzjoni odjerna) u ġ (indikata bl-ittra (f) fiċ-ċitazzjoni odjerna) u tikkundannah fir-rigward tal-imputazzjonijiet (b) u (d) (indikata bl-ittra (ċ) fiċ-ċitazzjoni) għall-piena ta' **sentejn priġunerija effettiva**, li minnha għandu jitnaqqas iż-żmien li l-ħati nżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-każ, u multa ta' **tlett elef ewro (€3,000)**. In kwantu l-imputazzjoni (e) (indikata bl-ittra (d) fiċ-ċitazzjoni) ossia r-reat ta' pussess tad-droga kokaina, il-ħati qed jiġi kkundannat għall-penali ta' **ħamsa u sebgħin ewro (€75)** u fir-rigward tal-imputazzjoni (f) (indikata bl-ittra (e) fiċ-ċitazzjoni) ossia r-reat ta' pussess tal-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha, il-ħati qed jiġi kkundannat għall-penali ta' **mitt ewro (€100)**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-proċeduri ossia s-somma ta' ħames mija, tlieta u għoxrin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€523.61)

rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada esebita bħala Dok. MB, u s-somma ta' mija, sitta u sittin ewro u tletin ċenteżmu (€166.30), rappreżentanti l-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada esebita bħala Dok. MB 1, kif ukoll l-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż ma jirriżultawx mill-atti proċesswali u għandhom għalhekk jiġu stabbiliti mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali. B'kollox għalhekk il-ħati għandu jħallas is-somma ta' sitt mija, disgħa u tmenin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€689.91), oltre l-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, li għandhom jiġu stabbiliti kif ingħad. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-*mobile phones* 'Motorola' u 'Nokia' u tal-*laptop* tal-marka 'Lenovo' esebiti bħala Dok. MB 1, MB 2 u MB 9[38], favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli oħra, u tal-proprjeta` immobbli kollha tal-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u tal-oġġetti relatati mad-droga esebiti fl-atti bħala Dok. MB, MB 2 u MB 3 hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[38] Ara l-verbal a fol. 221 tal-proċess.